# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 ta' Gunju, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 20/2015**

**Jesmond Camilleri**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat iz-17 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu sintetikament espona is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fil-bidu ta’ Lulju, 2006, kien intavola rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Hal Qormi, li jumejn qabel Daphne Camilleri nee` Falzon li sa dak iz-zmien kienet martu, telqet mid-dar u maghha hadet lil binthom Jessica ta’ 13 -il sena;

1.2. Illi in segwitu ipprova jikkorrispondi mal-Kummissarju intimat, (ara foll 5);

1.3. Illi ghalkemm kien jintalab imur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija kwazi kuljum, qatt m’inghata raguni ghaliex beda hekk jintalab imur hemm;

1.4. Illi in effetti intalab imur hemm wiehed u tletin, (31.), darba, z-zamma tieghu hemm tammonta ghal detenzjoni;

1.5. Illi din id-detenzjoni tammonta ghall-vjolazzjoni tal-artiklu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa ’l quddiem il-Konvenzjoni);

1.6. Illi ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex kellu jigi mizmum u dan, ghaliex l-ufficjali ikkoncernati:

1.6.1. Ma kellhom l-ebda suspett li hu kien ikkommetta reat; u

1.6.2. Id-detenzjoni tieghu ma kienitx mehtiega biex jigi evitat reat;

1.7. Illi waqt li kien imur il-Kwartieri Generali *de quo* bit-tama li jkun infurmat fuq bintu minuri, kien qed jigi minflok detenut hawnhekk, u dan, anke minghajr ma jkun tkellem ma xi ufficjal tal-Pulizja;

1.8. Illi dan l-agir ikkaguna lir-rikorrenti:

1.8.1. Sofferenzi emozzjonali; u

1.8.2. Sofferenzi psikologici;

1.9. Illi *di piu`*, waqt li kien ikun fil-kustodja tal-Pulizija kien ikun indirizzat b’termini degradanti intizi li jiddemoralizzawh;

1.10. Illi kien ikun ukoll jigi mistoqsi mil-liema sies kien tefa' lil martu u lil bintu;

1.11. Illi minn nota tal-Kummissarju intimat ipprezentata fil-Qorti Civili, (Sezzjoni Familja), datata z-17 ta' Lulju, 2006, irrizulta li martu u binthom kienu harbu minn Malta, (ara foll 7);

1.12. Illi konsegwentement, ghal hmistax (15) -il gurnata shah:

1.12.1. Ma kien moghti l-ebda informazzjoni fir-rigward ta' x'kien gara minn bintu;

1.12.2. Kien qed jigi zgwidat mill-Pulizija; u

1.12.3. Kien qed jigi tentat li titnissel il-konvinzjoni li kien hu li ikkaguna l-ghejbien ta' martu u bintu;

1.13. Illi dan l-agir jammonta ghall-vjolazzjoni tal-artiklu 36(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u tal-artiklu 3 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 319);

1.14. Illi sussegwenti ghar-rivelazzjoni fuq riferita li martu u bintu kienu l-Ingilterra, baqa' kordjalment jitlob lill-Kummissarju intimat jghidlu fejn kienet qed tigi mizmuma bintu;

1.15. Illi *nonostante* dawn l-isforzi, r-rikorrenti baqa' minghajr m'inghata l-ebda indikazzjoni;

1.16. Illi wara li intavola proceduri ghas-separazzjoni personali minn ma' martu, inghata wkoll il-kura u l-kustodja ta' bintu;

1.17. Illi rega' talab lill-Kummissarju intimat, issa li kien responsabbli ufficjalment ghall-kura u l-kustodja ta' bintu, biex tigi rintraccata l-imsemmija bintu, anke bil-koperazzjoni tal-Europol u tal-Interpol, (ara foll 11);

1.18. Illi minkejja dan, ghadu minghajr risposta fir-rigward;

1.19. Illi n-nuqqas t'azzjoni tal-intimat fir-rigward jammonta ghall-vjolazzjoni tal-artikli 32(c) u 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319;

1.20. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex din:

1.20.1. Taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti, u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa u mehtiega;

1.20.2. Tiddikjara li d-drittijiet fundamentali tieghu gew vjolati;

1.20.3. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti;

2. Rat id-digriet taghha datat iz-17 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghad-data hemm indikata, (ara foll 12);

3.0. Rat ir-risposta datata l-24 ta' Frar, 2015, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 20):

3.1. Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li m'hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

3.2. Illi hu minnu li r-rikorrenti intavola rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi rigwardanti l-ghejbien ta' martu u binthom;

3.3. Illi l-Pulizija investigaw l-istess rapport immedjatament u fi ftit sieghat informaw lir-rikorrenti li kienu instabu;

3.4. Illi jirrespingi l-allegazzjoni li r-rikorrenti kien detenut kontra l-provedimenti tal-artiklu 5(i) tal-Konvenzjoni waqt li kien fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija;

3.5. Illi jirrespingi l-allegazzjoni li gie ittratat kontra l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni waqt li kien fl-istess Kwartieri;

3.6. Illi dejjem qeda d-dmirijiet tieghu fedelment u fil-parametri tal-ligi, u ghalhekk qatt ma ivvjola l-artiklu 8 tal-Kap 319;

3.7. Illi l-artiklu 32(c) tal-Kostituzzjoni ma jistax jigi invokat *stante* li dan hu biss introduzzjoni ghall-lista ta’ drittijiet fundamentali;

3.8. Illi jichad li kiser l-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni;

3.9. Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti:

3.9.1. M’ghandhomx jigu akkolti;

3.9.2. Ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4. Rat id-digriet taghha datat is-6 ta’ Gunju, 2017, li permezz tieghu wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-intimat, awtorizzat lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 160), u kif sussegwentement estizi *ai termini* tad-digriet taghha datat it-2 ta’ Novembru, 2017, (ara foll 168);

5. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-16 ta’ Novembru, 2017, (ara foll 169), flimkien ma dik tal-intimat datata t-22 ta’ Jannar, 2018, (ara foll 176);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat is-7 ta’ Frar, 2018, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti ta’ sottomissjonijiet minnhom ipprezentati, (ara foll 184);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi fit-2 ta’ Lulju, 2006, ir-rikorrenti kien intavola rapport fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Hal Qormi, li meta kien irritorna lura d-dar wara x-xoghol sab lil martu Daphne u lil binthom Jessica, neqsin, (ara foll 68);

9.2. Illi sussegwentement, il-Pulizija fethu investigazzjoni rigwardanti persuni neqsin, (ara foll 112);

9.3. Illi mill-investigazzjonijiet kondotti mill-Pulizija dakinhar stess tar-rapport irrizulta li mart u bint ir-rikorrenti kienu telqu minn Malta, (ara foll 113);

9.4. Illi tenut kont ta' dan ir-rizultat, il-Pulizija tal-Ghassa ikkoncernata fuq riferita inghataw struzzjonijiet biex jikkuntattjaw lir-rikorrenti u jinfurmawh bl-izvilupp, (ara foll 113);

9.5. Illi *stante* li l-persuni rappurtati nieqsa kienu instabu, il-Pulizija ghalqet ir-rapport *de quo*, (ara foll 113, 124 u 136);

9.6. Illi f'dan il-punt jirrizulta biss li:

9.6.1. Ir-rikorrenti kien infurmat li bintu u martu instabu, ("*accounted for*"), (ara foll 5 u 136); izda

9.6.2. Hadd m'informa lir-rikorrenti li martu u bintu kienu siefru b'titjira lejn Londra, (ara foll 7);

9.7. Illi r-rikorrenti m'inghata l-ebda informazzjoni mill-Pulizija fir-rigward *stante* li meta jkun hemm minuri involuti ma jaghtux informazzjoni jekk ma jkunx hemm il-kunsens preventiv tal-persuna kkoncernata, (ara foll 114);

9.8. Illi wara li kien informat biss bis-suespost, ir-rikorrenti intavola proceduri legali biex jikseb is-separazzjoni personali minn ma martu;

9.9. Illi kien biss indirettament f'dawn il-proceduri li r-rikorrenti sar jaf li martu u bintu kienu effettivament siefru minn Malta b'titjira lejn Londra, meta permezz ta' nota datata iz-17 ta' Lulju, 2016, il-Kummissarju intimatipprezenta din l-informazzjoni fl-atti tas-separazzjoni *de quo*, (ara foll 7);

9.10. Illi jirrizulta li l-Awtorita` Centrali lokali imwaqqaf bis-sahha tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Civili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri u tal-Kap 410, Att dwar is-

Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri, ipprovat tikkomunika ma' Centri simili fl-Ewropa, izda inutilment, (ara foll 36 u 73);

9.11. Illi sussegwentement, wara li r-rikorrenti kien informa lill-istess Awtorita` Centrali li bintu setghet kienet l-Ingilterra din irravvivat l-applikazzjoni originali;

9.12. Illi wara li rceviet ir-rizultat tar-ricerki kondotti mill-Awtorita` Centrali Ingliza, infurmat lir-rikorrenti li minn tfittxijiet li saru kemm martu, kif ukoll bintu, ma instabux, u konsegwentement, il-kaz kien ghalhekk ser jinghalaq, (ara foll 9);

9.13. Illi konfrontat b'din is-sitwazzjoni ta' stall r-rikorrenti talab lill-intimat permezz t'ittra datata s-16 t'Ottubru, 2007, biex jissollecita l-ghajnuna tal-Interpol u tal-Europol, (ara foll 40 u 41) ghalkemm mill-atti ma jirrizultax li ttiehdu xi passi fir-rigward;

9.14. Illi jirrizulta wkoll li r-rikorrenti anke ssollecita l-ghajnuna diplomatika mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, (ara foll 8), ghalkemm ukoll, mill-atti ma jirrizultax li ttiehdu xi passi fir-rigward;

9.15. Illi daparti tieghu l-intimat jichad li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

**A. Allegazzjoni tar-rikorrenti li kien Detenut Illegalment:**

10. Illi r-rikorrenti jsosstni li wara li kien intavola r-rapport tieghu fl-Ghassa ta' Hal Qormi kien gie detenut madwar wiehed u tletin (31) darba, (ara foll 92 u 133);

11.0. Illi f'dawn l-okkazjonijiet isosstni li:

11.1. Kien jithalla jistenna xi saghtejn jew tliet sieghat, (ara foll 92 u 133);

11.2. Kien kemm -il darba jiddahhal fic-cella, (ara foll 92 u 133);

11.3. Illi darba insewh f'cella minn xi t-8.00p.m. sal-4.30a.m. tal-ghada minghajr ma kien registrat kif dovut, (ara foll 92);

11.4. Illi f'xi waqtiet f'dawn l-okkazjonijiet kien hemm ufficjali li kellmuh b'mod mhux xieraq, (ara foll 92);

12. Illi l-intimat jichad li kien bghat ghar-rikorrenti, zammu fil-"*lock-up*" u li interrogah, (ara foll 111);

13. Illi minn ezami ta' registru appozitu li jinzamm proprju biex jigi registrat min jinzamm fil-"*lock-up*" u minn ezami tal-"*computer*" li fih jitnizzel kull ma jigri fl-istess post, jirrizulta li isem ir-rikorrenti ma jiffigurax, (ara foll 111 u 154);

Ikkunsidrat:

14. Illi ghalhekk jirrizulta li hemm konflitt ta' provi fejn il-versjonijiet moghtija mill-partijiet jirrizultaw dijametrikament apposti ghal xulxin;

15. Illi ghalhekk, ma tistax tikkonkludi li rizultat tal-istess, hemm vjolazzjoni tal-artiklu 5 tal-Konvenzjoni;

16. Illi konsegwentement ghandha tigi akkolta r-raba (4) eccezzjoni sollevata mill-intimat, (ara foll 20);

Ikkunsidrat:

**B. Allegazzjoni tar-rikorrenti li sofra minn Trattament Inuman u Degradanti:**

17. Illi minkejja l-konkluzjoni riprodotta fil-paragrafu precedenti li d-detenzjoni rikjamata mir-rikorrenti ma tirrizultax, xorta wahda jirrizulta doveruz li ghandha tezamina dan l-ilment tar-rikorrenti, u dan, biex tezamina jekk l-allegata vjolazzjoni effettivament tirrizultax meta l-Pulizija kienu kellmu lir-rikorrenti;

18. Illi l-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi s-segwenti:

> "1. Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti;
>
> "2. Ebda haga li hemm fi jew maghmula skont l-awtorita` ta' xi ligi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-ligi in kwistjoni tawtorizza l-ghoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-gurnata stabbilita;
>
> "3.a. Ebda ligi ma ghandha tipprovdi ghall-impozizzjoni ta' pieni kollettivi;
>
> b. Ebda haga f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impozizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-ligi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp;

19. Illi l-artiklu 3 tal-Konvenzjoni jistabilixxi s-segwenti:

> "Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti";

20. Illi f'dan ir-rigward **Paul Sieghart** isosstni s-segwenti f'"***The International Law of Human Rights***", ***Clarendon Press***, ***Oxford***, **Edizzjoni tal-1992, p. 167**:

> "*In* **Denmark et al. vs. Greece**, *EUCM stated that the notion of inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation is unjustifiable*";

21. Illi kif isosstni wkoll f'dan ir-rigward il-**Facett** f' "***The Application of the European Convention on Human Rights***", ***Edizzjoni tal-1987, p. 42***:

> "*Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of physical or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence*";

22. Illi fis-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Lawrence Gatt vs. L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali**, datata t-**12 ta' Frar, 2008**, b'referenza diretta mill-hekk imsejha "***The Greek Case***", sosstniet minnha s-segwenti:

> "*The notion of inhuman covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable*;
>
> "*Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience*";

23. Illi ghar-rigward ta' trattament degradanti, jigi sottolineat li dan generalment jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li minhabba fih igieghel lill-vittma tagixxi kontra l-volonta` taghha;

24. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Peers vs. Greece**, datata z-**19 t'April, 2001**, li rriteniet is-segwenti:

> "67. *The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities "**Ireland v. the United Kingdom**, **judgement of 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, § 162***)";
>
> "68. *Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see **Raninen v. Finland, judgement of 16 December 1997, Reports of Judgements and Decisions, 1997 – VIII, pp. 2821-22, § 55**)* ...

"74. *In the light of the foregoing, the Court considers that in the present case there is no evidence that there was a positive intention of humiliating or debasing the applicant. However, the Court notes that, although the question whether the purpose of the treatment was to humiliate or debase the victim is a factor to be taken into account, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of violation of Article 3 (see* ***V. v. the United Kingdom (GC), no. 24888/94, § 71, ECHR 1999-IX****)"*;

25. Illi fis-sentenza tal-istess, **Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Yancov vs. Bulgaria**, datata l-**11 ta' Marzu, 2004**, gie ritenut is-segwenti:

"105. *In considering whether treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. Even the absence of such a purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3 (see, for example* **Peers v. Greece, no. 28524/95, § 74, ECHR 2001- III; and Kalashnikov v. Russia, no. 47095/99, § 101, ECHR 2002 – VI**);

"106. *Ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3 of the Convention. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim* (see, **Ireland v. the United Kingdom Judgement of 18 January 1978. Series A no. 25, p. 65, § 162**);

"107. *The Court has consistently stressed that the suffering and humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment. Measures depriving a person of his liberty may often involve such an element. The state must ensure that a*

*person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured* (**Kudla v. Poland (GC), no. 30210/96, §§ 93-94, ECHR 2000-XI)**";

Ikkunsidrat:

26. Illi applikati s-suddetti principji ghall-kaz in dizamina jirrizulta pacifiku li ezaminati r-rizultanzi fuq elenkati jinghad li ma' jirrizultax li kien hemm vjolazzjoni tal-artiklu 36 tal-Kostituzzjoni jew tal-artiklu 3 tal-Konvenzjoni kif allegat mir-rikorrenti, u dan, tenut kont ukoll tal-fatt li lanqas jirrizulta debitament ipprovat li l-Pulizija staqsew lir-rikorrenti fejn kien qatel lil martu u lil bintu u minn fejn kien waddabhom, (ara foll 92 u 133);

Ikkunsidrat:

27. Illi jigi osservat li l-perjodu bejn meta sar ir-rapport *de quo* tar-rikorrenti u meta gie solvut mill-Pulizija kien wiehed pjuttost spedit ta' anqas minn gurnata, (ara foll 68, 124 u 136);

28. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta verosimili li jekk saru, dawn il-kummenti allegati mir-rikorrenti setghu saru biss f'dan il-perjodu verament ristrett ta' zmien;

29. Illi anke jekk attwalment saru ma jistax jinghad li kellhom l-animu deskritt mir-rikorrenti izda biex il-Pulizija involuti jippruvaw jinvestigaw dak li gara minn kull angolu kif hu d-dover taghhom li jaghmlu;

30. Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi in dizamina, dan ma jistghax jigi ekwiparat ma trattament inuman u degradanti kif deskritt fil-gurisprudenza fuq citata;

31. Illi in vista tal-premess, anke l-hames (5) u s-sitt (6) eccezzjonijiet tal-intimat ghandhom jigu akkolti, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

**C. Allegazzjoni tar-rikorrenti rigwardanti l-artiklu 32 tal-Kostituzzjoni:**

32. Illi ghandu jirrizulta pacifiku li l-artiklu 32 hawn in dizamina jikkonsisti biss f'introduzzjoni ghad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu li huma elenkati fl-artikoli sussegwenti:

33. Illi ghalhekk f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Ghasan Kaseb *et* vs. il-Prim Ministru *et***, datata it-**13 ta' Gunju, 2011**, li fiha gie ritenut is-segwenti:

> "Ir-rikorrenti talab il-protezzjoni taht l-artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni, ghalhekk fuq il-bazi tar-rispett tal-hajja privata u familjari. L-artiklu 46(1) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar id-dritt ta' kull persuna li tallega l-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni li titlob rimedju lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Izda l-Artikolu 32 mhuwiex inkluz f'dawk imsemmija fl-artikolu 46. L-imsemmi artikolu 32 huwa biss introduzzjoni ghad-drittijiet fundamentali (bhal fil-kaz ta' l-ewwel artikolu tal-Konvenzjoni), u ghalhekk bhala tali ma jistax jigi invokat";

34. Illi in virtu` tal-istess, anke t-tmin (8) eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi akkolta, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

**D. Allegazzjoni tar-rikorrenti rigwardanti l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni:**

35. Illi dan l-artiklu hu intiz biex jizgura l-protezzjoni tal-ligi specjalment is-smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali;

36. Illi jigi sottolineat li fil-kaz in dizamina ma jirrizultax illi r-rikorrenti kien sottopost ghal xi proceduri quddiem xi awtorita` gudizzjarja kif deskritta fl-artikolu *de quo*;

37. Illi r-relazzjoni li r-rikorrenti kellu mal-istituzzjonijiet tal-Istat kienu limitati ghall-Pulizija u xejn aktar;

38. Illi konsegwentement ghandu jkun pacifiku li dan l-artiklu rikjamat mir-rikorrenti mhux applikabbli ghas-sitwazzjoni in dizamina;

39. Illi ghalhekk din il-qorti m'ghandha bzonn tghid xejn aktar fir-rigward hlief li in vista tas-suespost, anke d-disa' (9) eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi akkolta, (ara foll 23);

Ikkunsidrat:

**E. Allegazzjoni tar-rikorrenti rigwardanti l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni:**

40. Illi l-artiklu in dizamina f'dan il-Kap jistipula s-segwenti:

> "1. Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu;
>
> "2. Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skont il-ligi u li jkun mehtieg f'socjeta` demokratika fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' haddiehor";

41. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali**), fl-ismijiet **Michael Caruana et vs. L-Avukat Generali** ***et***, datata l-**14 t'Awwissu, 2012**, li irrikonoxxiet li f'materja ta' rimozzjoni jew ritenzjoni illecita` ta' minuri, bhall hu l-kaz in dizamina, l-obbligi taht l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni jridu jigu interpretati u applikati fil-qafas tal-obbligi internazzjonali fir-rigward ta'

sekwestru ta' minuri li jinkludu obbligi u drittijiet stabbiliti fil-konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Civili tal-htif Internazzjonali tat-Tfal,(minn issa 'l quddiem Konvenzjoni tal-Aja);

42. Illi l-artiklu 11 tal-Konvenzjoni imsemmija fil-paragrafu precedenti jistipula s-segwenti:

> "*The judicial or administrative authorities of Contracting States shall act expeditiously in proceedings for the return of children;*
>
> *"If the judicial or administrative authority concerned has not reached a decision within six weeks from the date of commencement of the proceedings, the applicant or the Central Authority of the requested State, on its own initiative or if asked by the Central Authority of the requesting State, shall have the right to request a statement of the reasons for the delay. If a reply is received by the Central Authority of the requested State, that Authority shall transmit the reply to the Central Authority of the requesting State, or to the applicant, as the case may be*";

43. Illi fis-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Neulinger and Shuruk vs. Switzerland** datata s-**6 ta' Lulju, 2010**, kien ritenut is-segwenti:

> "132. *In matters of international child abduction, the obligations that Article 8 imposes on the Contracting States must therefore be interpreted taking into account, in particular, the Hague Convention on the Civil Aspects of International Child Abduction of 25 October 1980 (see **Iglesias Gil and A.U.I. v. Spain, no. 56673/00, § 51, ECHR 2003 – V**, and **Ignaccolo-Zenide v. Romania, no. 31679/96 § 95, ECHR 2000-I**) and the Convention on the Rights of the Child of 20 November 1989 (see* **Maire**, *cited above, § 72). The Court has, for example, espoused the provisions of the Hague Convention on a number of occasions, in particular Article 11 when examining whether the judicial or administrative authorities, on receiving an application for the return of a child, had acted expeditiously and*

*diligently, as any inaction lasting more than six weeks could give rise to a request for a statement of reasons for the delay ...*";

Ikkunsidrat:

44. Illi apparti s-suespost, jigi sottolineat li fil-protezzjoni tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni l-iStat ghandu dik li giet specifikament imsejha **obbligazzjoni pozittiva**, senjatament l-obbligu li l-iStat ghandu li jizgura t-tgawdija tad-dritt fundamentali in dizamina;

45. Illi ghalhekk l-ezami li hawn irid isir:

    45.1. Mhux dak biex jigi stabbilit jekk l-iStat ivvjolax jew le d-dritt fundamentali tar-rikorrenti; izda li

    45.2. L-ezami li jrid isir hu dak biex jigi stabbilit jekk l-iStat attwalment zgurax li d-dritt fundamentali in dizamina tgawdiex mir-rikorrenti;

46. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet **Case of Rees vs. The United Kingdom**, datata z-**17 t'Ottubru, 1986**, li irriteniet fir-rigward is-segwenti:

    "35. *The Court has already held on a number of occasions that, although the essential object of Article 8 (art. 8) is to protect the individual against arbitrary interference by the public authorities, there may in addition be positive obligations inherent in an effective respect for private life, albeit subject to the State's margin of appreciation*";

47. Illi l-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Case of Iglesias Gil and U.U.2. vs. Spain***, datata d-**29 t'April, 2003**, irriteniet is-segwenti:

    "48. *It must accordingly determine whether there has been a breach of the right of the first applicant and her son to respect for their family life. The court reiterates that, although the essential object of Article 8 is to protect the individual against arbitrary action by public authorities, there are in addition positive obligations inherent in an*

*effective "respect" for family life. In both contexts regard must be had to the fair balance that has to be struck between the competing interests of the individual and of the community as a whole; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (see* **Keegan v. Ireland** *judgement of* **26 May 1994**, **Series A no. 290, p. 19, § 49**)";

Ikkunsidrat:

48. Illi f'dan il-kuntest, jibda biex jigi sottolineat li r-relazzjoni tar-rikorrenti ma' bintu effettivament taqa' fit-tifsira ta' "hajja tal-familja" *ai termini* tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni u dan, *stante* li hu kellu l-kura u l-kustodja taghha kif lilhu moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz tas-sentenza datata s-27 ta' Gunju, 2008, (ara foll 77);

49. Illi in konsegwenza tal-istess, allura japplika l-artiklu 8 *de quo*, u ghalhekk jigi wkoll sottolineat li l-istess artiklu ghandu jigi interpretat fil-kuntest tal-obbligi internazzjonali kif delineati mill-Konvenzjoni ta' l-Aja fuq riferita, (ara paragrafi numri wiehed u erbghin, (41.), u erbgha u erbghin, (44.) aktar qabel);

Ikkunsidrat:

50. Illi ghalhekk, l-analisi issa inkombenti fuq din il-qorti hu dak naxxenti mid-dover fuqha impost li tezamina jekk l-intimat kien karenti fl-"obbligazzjoni pozittiva" fuq indikata favur ir-rikorrenti, (ara paragrafu numru erbgha u erbghin, (44.), aktar qabel);

51.0. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti sab l-appogg segwenti:

51.1. Tal-ufficjali tal-Pulizija li mill-ewwel investigaw ir-rapport originali tieghu tat-2 ta' Lulju, 2006, u sabu li mart u bint ir-rikorrenti kienu harbu minn Malta, (ara foll 70, 113 u 135);

51.2. Tal-Awtorita` Centrali ta' Malta u tal-Ingilterra, (ara foll 9 u 73), u dan, *ai termini* tal-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni tal-Aja – ghalkemm l-informazzjoni moghdija minn dik Ingliza

kienet fis-sens li mart u bint ir-rikorrenti ma nstabux, (ara foll 9);

Ikkunsidrat:

52. Illi minn barra li r-rikorrenti rrikorra ghall-ghajnuna tal-Pulizija ta' Malta u ghal dik tal-Awtorita` Centrali lokali li involviet li dik estera kkoncernata, jirrizulta wkoll li fis-16 t'Ottubru, 2007, u fiz-17 t'Ottubru, 2008, ir-rikorrenti talab ukoll l-intervent tal-Interpol u tal-Europol, (ara foll 40 u 85);

53. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 29 tal-Konvenzjoni ta' l-Aja li jistipula s-segwenti:

"*This Convention shall not preclude any person, institution or body who claims that there has been a breach of custody or access rights within the meaning of Article 3 or 21 from applying directly to the judicial or administrative authorities of a Contracting State, whether or not under the provisions of this Convention*";

54. Illi ghalkemm il-Pulizija lokali intalbet titlob l-assistenza tal-Interpol u tal-Europol, jirrizulta li din l-assistenza ma intalbitx;

55. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li m'inghatat l-ebda raguni ghal dan in-nuqqas, u dan, la lir-rikorrenti, u lanqas lill-qorti;

56. Illi konsegwenza ta' din il-mankanza ta' sejha ghall-koperazzjoni internazzjonali kif mitluba mir-rikorrenti, ghandu jkun pacifiku li l-intimat allura naqas minn dan l-"obbligu pozittiv" naxxenti mill-artiklu 8 tal-Konvenzjoni kif fuq delineat;

57. Illi fil-fatt, minn analizi tal-korrispondenza mghoddija fir-rigward mir-rikorrenti lill-intimat, (ara foll 40 u 85), rispettivament datati s-16 t'Ottubru, 2007 u z-17 t'Ottubru, 2008, jirrizulta li l-intimat lanqas jindenja ruhhu li jirrispondi lir-rikorrenti fir-rigward;

58. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li n-nuqqas tal-intimat li jinvolvi lill-Interpol u/jew lill-Europol fit-tfittxija ta' mart u bint ir-rikorrenti jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu ghall-hajja tal-familja *stante* li dan hu ekwivalenti ghal nuqqas daparti

tal-intimat milli jiehu dawk il-"mizuri pozittivi" li hu kien obbligat jiehu biex jittutela u jizgura dan id-dritt tar-rikorrenti kif sancit fl-artiklu 8 in dizamina;

59. Illi terga ssir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti ta' Strasburgu** fl-ismijiet ***Neulinger and Shuruk vs. Switzerland***, (ara paragrafu numru tlieta u erbghin, (43.), aktar qabel), fejn irriferiet ghas-sentenza ***Maumonsseau and Washington*** f'dan ir-rigward tal-obbligu tal-iStat taht l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni, li qalet is-segwenti:

> "*As to the State's obligation to take positive measures, article 8 includes the right of a parent ... to the taking of measures with a view to his or her being reunited with his or her child and an obligation on the national authorities to take such action*";

Ikkunsidrat:

60. Illi in linea ma dan l-insenjament, tikkonkludi li l-intimat naqas fl-"obbligazzjoni posittiva" tieghu fil-konfront tar-rikorrenti li *nonostante* li kien espressament mitlub jissollecita l-ghajnuna tal-Interpol and tal-Europol, naqas li jiehu dawk il-mizuri pozittivi necessarji biex jaghmel dan, u konsegwentement allura naqas li jaghmel dak kollu li seta jaghmel biex bint ir-rikorrenti, mhux biss tinstab, izda tingieb lura lir-rikorrenti li kellu r-responsabbilita` tal-kura u l-kustodja taghha;

61. Illi in vista tal-premess, it-talba tar-rikorrenti ghas-sejbien ta' vjolazzjoni tal-artiklu 8 tal-Konvenzjoni fil-konfront tiehgu kif espressa fil-11 -il talba tieghu fir-rikors promotur, ghandha tigi akkolta, (ara foll 2);

62. Illi konsegwentement is-seba` (7) risposta tal-intimat ghandha tigi respinta, (ara foll 22);

Ikkunsidrat:

63. Illi fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti ghall-kumpens xieraq, (ara foll 3), issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali**

fl-ismijiet **Victor Gatt *et* vs. Avukat Generali** datata l-**5 ta' Lulju, 2011**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Dwar *just satisfaction*, ir-regola hi li meta l-qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibbli l-qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hi l-eccezzjoni u ghandha tkun rizervata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi li huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hi aktar serja l-qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni, (ara wkoll is-sentenza tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs. Avukat Generali**, datata t-**28 ta' Settembru, 2012**);

64. Illi wara li kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz in dizamina u d-dritt fundamentali taht l-artiklu 8 tal-Konvenzjoni li fil-fehma taghha gie lez lir-rikorrenti kif fuq spjegat, hi tal-fehma li r-rikorrenti ghandu jigi kkumpensat fl-ammont ta' hmistax -il elf euro, (€15,000.00);

Ikkunsidrat:

65.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti pprova t-talbiet tieghu limitatament kif fuq spjegat, u konsegwentement:

**DECIDE:**

65.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti bl-eccezzjoni tat-talba numru hdax (11);

65.2. Takkolji r-raba (4), l-hames (5), is-sitt (6), it-tmin (8) u d-disa (9) risposta tal-intimat;

65.3. Tirrespingi s-seba' (7) risposta tal-intimat;

65.4. Takkolji l-hdax (11) it-talba tar-rikorrenti;

65.5. Tiddikjara ghalhekk li d-dritt tar-rikorrenti sancit mill-artiklu 8 tal-Konvenzjoni gie lez minn nuqqas tal-intimat li josserva l-"obbligazzjoni pozittiva" tieghu fir-rigward;

65.6. Tordna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex ihallas l-ammont t'hmistax -il elf euro, (€15,000.00), lir-rikorrenti Jesmond Camilleri bhala kumpens ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu riskontrat;

65.7. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat fuq gia` indikat.

_______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**